**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 9 ta' Lulju, 2021**

**Talba Nru: 37/2021PM1**

**SSL Scaffolding Limited (C50989)**

**Vs**

**Ayad Majoeddin (ID 0027234A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil- 5 ta' Frar, 2021 permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' elfejn, mija u tletin euro (€2130) rapprezentanti l-valur tas-servizzi li gew rezi mill-istess kumpannija attrici fuq inkarigu u beneficcju tal-istess konvenut, senjatament sabiex tarmali, tikrilu u zzarmalu tarag f'sit ta' kostruzzjoni, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-avviz u bl-imghaxijiet kontra l-istess konvenut.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz rapprezentanti fattura mahruga mill-istess socjeta` attrici lill-konvenut u ittra interpellatorja.

Ra li l-konvenut gie ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-8 ta' Lulju, 2021 u lanqas ghas-seduta tal-lum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-8 ta' Lulju, 2021 u fil-fatt il-konvenut ma deherx sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u kwindi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' elfejn, mija u tletin euro (€2130) rapprezentanti l-valur tas-servizzi li gew rezi mill-istess kumpannija attrici fuq inkarigu u beneficcju tieghu, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-avviz u bl-imghaxijiet kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**